

Brussell, 15 ta' Jannar 2026
(OR. en)

5298/26
ADD 1

CLIMA 19
ENV 31
ENER 12
TRANS 11
IND 22
COMPET 41
MI 30
ECOFIN 30
DELECT 2

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa
Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 13 ta' Jannar 2026

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni
Ewropea

Nru dok. Cion: C(2026) 52 final - annex

Suġġett: ANNESSI
tar-
Regolament Delegat tal-Kummissjoni
li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 fir-rigward tal-
funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE)
2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 52 final - annex.

Mehmuż: C(2026) 52 final - annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.1.2026
C(2026) 52 final

ANNEXES 1 to 2

ANNESI

tar-

Regolament Delegat tal-Kummissjoni

**li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2019/1122 fir-rigward tal-funzjonament tar-
Reġistru tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament
Ewropew u tal-Kunsill**

ANNEX I

Fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/1122, it-Tabella I-II hija sostitwita b'dan li ġej:

“Tabella I-II

Kontijiet għall-finijiet ta' tranżazzjonijiet ta' kontabilità skont it-Titolu IIA

Isem it-tip ta' kont	Detentur tal-kont	Amministratur tal-kont	Għadd ta' kontijiet ta' dan it-tip	AEA	Emissjonijiet kontabilizzati / assorbimenti kontabilizzati ⁽¹⁾	LRU	MFLFA ⁽²⁾	LUFA ⁽³⁾	AFAF
Kont ta' Kwantità Totali tal-AEAs tal-ESR tal-UE	UE	amministratur ċentrali	1	Iva	Le	Le	Le	Le	Le
Kont ta' Tħassir tal-ESR	UE	amministratur ċentrali	1	Iva	Le	Iva	Le	Le	Le
Kont ta' Kwantità Totali tal-AEAs tal-Anness II tal-UE	UE	amministratur ċentrali	1	Iva	Le	Le	Le	Le	Le
Kont ta' Riżervat-Sikurezza tal-ESR tal-UE	UE	amministratur ċentrali	1	Iva	Le	Le	Le	Le	Le
Kont tal-Konformità tal-ESR	Stat Membru	amministratur ċentrali	1 għal kull 10 snin ta' konformità għal kull Stat Membru	Iva	Le	Iva	Le	Le	Le
Kont tal-Konformità tal-LULUCF tal-UE	UE	amministratur ċentrali	1 għaż-żewġ perjodi ta' konformità	Le	Iva	Iva	Le	Le	Le
Kont ta' Tħassir tal-LULUCF tal-UE	UE	amministratur ċentrali	1 li jkopri ż-żewġ perjodi ta' konformità	Le	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva

⁽¹⁾ L-emissjonijiet kontabilizzati u l-assorbimenti kontabilizzati japplikaw biss fl-ewwel perjodu ta' konformità tal-LULUCF. Fit-tieni perjodu ta' konformità tal-LULUCF, japplikaw l-emissjonijiet irrapportati u l-assorbimenti rrapportati.

⁽²⁾ L-MFLFA jinħarġu għall-ewwel perjodu ta' konformità.

⁽³⁾ L-LUFA jinħarġu għat-tieni perjodu ta' konformità.

Kont tal-Konformità tal-LULUCF ta' Stat Membru	Stat Membru	amministratur ċentrali/	1 għaż-żewġ perjodi ta' konformità għal kull Stat Membru	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva
Kont Ċentrali tal-MFLFA tal-UE	UE	amministratur ċentrali	1 għall-ewwel perjodu ta' konformità	Le	Le	Le	Iva	Le	Le
Kont Ċentrali tal-LUFA tal-UE	UE	amministratur ċentrali	1 għat-tieni perjodu ta' konformità	Le	Le	Le	Le	Iva	Le
Kont ta' Kumpens Addizzjonali Ċentrali għall-Finlandja ⁽⁴⁾	FI	amministratur ċentrali	1 għall-ewwel perjodu ta' konformità	Le	Le	Le	Le	Le	Iva

“

⁽⁴⁾ L-amministratur ċentrali jiftaħ Kont ta' Kumpens Addizzjonali Ċentrali għall-Finlandja b'allokazzjoni addizzjonali ta' 5 miljun tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO2 għall-ewwel perjodu ta' konformità tal-LULUCF.

ANNEX II

Fl-Anness XIII għar-Regolament Delegat (UE) 2019/1122, il-Parti II hija emendata kif ġej:

(1) jiddaħħal il-punt 7a li ġej:

“7a. L-amministratur ċentrali għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-informazzjoni li ġejja għal kull Kont tal-Konformità tal-LULUCF u jaġġornah fi żmien 24 siegħa fejn rilevanti:

(a) informazzjoni dwar l-Istat Membru detentur tal-kont;

(b) l-istat ta' kull Kont tal-Konformità tal-LULUCF f'konformità mal-Artikolu 9;

(c) id-data rilevanti tal-LULUCF skont l-Artikolu 59t;

(d) il-bilanċ tal-Kontijiet tal-Konformità tal-LULUCF tal-Istati Membri u tal-Kontijiet tal-Konformità tal-LULUCF tal-UE skont l-Artikolu 59u;

(e) il-kwantità ta' LRUs fil-Kont tal-Konformità tal-LULUCF ta' kull Stat Membru;

(f) il-kwantità ta' LRUs eliġibbli għat-trasferiment fil-Kont tal-Konformità tal-ESR f'kull Kont tal-Konformità tal-LULUCF ta' Stat Membru;

(g) iċ-ċifra ta' stat tal-konformità skont l-Artikolu 59ad għal kull Kont tal-Konformità tal-LULUCF, kif ġej:

(i) A għall-konformità;

(ii) I għan-nuqqas ta' konformità;

(h) l-informazzjoni dwar it-trasferimenti ta' LRUs bejn il-Kontijiet tal-Konformità tal-LULUCF skont l-Artikolu 59w u bejn il-Kontijiet tal-Konformità tal-LULUCF u l-Kontijiet tal-Konformità tal-ESR skont l-Artikoli 59k u 59x;

(i) l-informazzjoni dwar it-trasferimenti tal-AEAs skont l-Artikolu 59x u 59k bejn il-Kontijiet tal-Konformità tal-ESR u l-Kontijiet tal-Konformità tal-LULUCF;

(j) l-informazzjoni dwar it-trasferimenti tal-MFLFAs mill-Kont Ċentrali tal-MFLFA tal-UE għall-Kontijiet tal-Konformità tal-LULUCF tal-Istati Membri;

(k) l-informazzjoni dwar it-trasferimenti tal-AFAFs mill-Kont ta' Kumpens Addizzjonali Ċentrali għall-Finlandja għall-Kont tal-Konformità tal-LULUCF għall-Finlandja;

(l) l-informazzjoni dwar it-trasferimenti tal-LUFAs mill-Kont Ċentrali tal-LUFA tal-UE għall-Kontijiet tal-Konformità tal-LULUCF tal-Istati Membri;

(m) l-informazzjoni li ġejja dwar kull tranżazzjoni kompluta:

(i) l-isem tad-detentur tal-kont u l-ID tad-detentur tal-kont li qed jittrasferixxi,

(ii) l-isem tad-detentur tal-kont u l-ID tad-detentur tal-kont li qed jakkwista,

(iii) l-ammont ta' LRUs, AEAs, MFLFAs, AFAFs jew LUFAs involuti fit-tranżazzjoni,

(iv) il-kodiċi ta' identifikazzjoni tat-tranżazzjoni;

(v) id-data u l-ħin li fihom it-tranżazzjoni ġiet kompluta (fil-ħin tal-Ewropa Ċentrali);

(vi) it-tip tat-tranzazzjoni.”;

(2) jiżdied il-punt 9 li ġej:

“9. Ir-Reġistru tal-Unjoni għandu juri l-informazzjoni li ġejja fil-parti tas-sit web tar-Reġistru tal-Unjoni aċċessibbli biss għad-detentur tal-Kont tal-Konformità tal-LULUCF, li għandha tkun aġġornata f’ħin reali:

(a) id-depożiti kurrenti bħala bilanċ li jirriżulta mit-tranżazzjonijiet totali

(b) lista ta’ tranżazzjonijiet proposti mibdijin minn dak id-detentur tal-kont, u għal kull tranżazzjoni proposta id-dettalji li ġejjin:

(i) l-elementi fil-punt 7a(m);

(ii) id-data u l-ħin li fihom it-tranżazzjoni ġiet proposta (fil-Ħin tal-Ewropa Ċentrali);

(iii) l-istat attwali ta’ dik it-tranżazzjoni proposta;

(iv) kwalunkwe kodiċi ta’ tweġiba mibgħuta b’riżultat tal-ispezzjonijiet magħmulin mir-Reġistru tal-Unjoni.

(c) lista ta’ LRUs, AEAs, MFLFAs, AFAFs u LUFAs akkwistati minn dak il-kont b’riżultat tat-tranżazzjonijiet kompluti, u għal kull tranżazzjoni d-dettalji tal-elementi fil-punt 7a(m);

(d) lista ta’ LRUs ittrasferiti minn dak il-kont b’riżultat tat-tranżazzjonijiet kompluti, u għal kull tranżazzjoni d-dettalji tal-elementi fil-punt 7a(m).”